MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Numru. 1109/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**KONTRA**

**Daniela Cuzmenco bint Toader Cuzmenc u Natalita nee Drranciu, twieldet Rumanija, fit-30 ta' Dicembru, 1983, toqghod Avenue Apartments, no.2, Triq Ball, San Giljan u detentrici tal-passaport Rumen li jgib numru 14668494**

**Carmen Boca bint Ioan Boca u Ana nee Codoba, twieldet Rumanija**
**Nhar l-14 ta' Dicembru, 1988, toqghod Casa Maria Vittoria, Flat 4, Triq il-Bajja, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita' Rumena li ggib numru**
**HD 472109**

**Ana-Maria Ciocarlan, bint Ovidiu Ciocarlan u Daniela nee Alexandru, twieldet Rumanija nhar it-2 ta'**

**Ottubru, 1991, toqghod Havana Apartments Nru. 7, Triq San Gorg, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita' Rumena li ggib numru XC 646046**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Daniela Cuzmenco, Carmen Boca u Ana-Maria Ciocarlan** li gew akkuzati talli:

1. Nhar is-7 ta' Novembru, 2013 bejn is-1.30 a.m. u s-2.30 a.m. gewwa San Giljan ikkommettew serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-valur u bil-hin, liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda me jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Denys Krakhmalny, bi ksur ta' l-art. 262(1)(b), 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data u hin, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-ammissjoni tal-imputati.

Rat li parti mir-res furtiva giet ritornata.

Rat l-Artikoli 262(1)(b), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tqis l-akkuza numru (2) bhala alternattiva ghall-akkuza numru (1) u tikkundannahom ghal sena(1) habs sospiza ghal tmintax(18)-il xahar, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------